# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 3 ta' Settembru 2024**

**Numru 2**

**Rikors numru 107/2018/1 JVC**

**Auberge (San Anton) Limited [C-1827]**

**v.**

**Mehemmed Izzidin Bek Derna għan-nom u in rappreżentanza tal-Maltese-Arab Chamber of Commerce**

**Il-Qorti:**

1. Il-kwistjoni li tat lok għal din il-kawża ġiet abbilment miġbura fil-qosor mill-Ewwel Qorti kif ġej:

> "In sintesi l-kawża odjerna titratta riċevuta ta' ħlas ta' kera li tkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar, 2017 sal-31 ta' Diċembru, 2019 li tidher li kienet ġiet rilaxxata minn Chris Bajada f'isem u a nom tas-soċjeta` attrici Auberge (San Anton) Limited liema rċevuta ġġib id-data tal-15 ta'

Dicembru, 2016 (fol. 7). Din l-irċevuta kienet relatata ma' kuntratt ta' kera ta' żewġ appartamenti bin-numri wieħed (1) u tnejn (2) fi Blokk A f'Auberge San Anton, ġewwa Vjal De Paule, Ħal Balzan li s-soċjeta' intimata kienet tikri mingħand is-soċjeta' rikorrenti. Is-soċjeta' rikorrenti ssostni li tali ħlas sar lil persuna li ma kinitx awtorizzata li tirċievi l-istess ħlas. Ukoll issostni li hija għandha għaliex taħseb li effettivament din l-irċevuta ma kinitx saret fid-data ndikata fl-istess riċevuta iżda li saret wara li Mehemmed Izzidin Bek Derna noe kien irċieva l-ittra datata 11 ta' April, 2017 fejn kien ġie nfurmat li kull ħlas ta' kera kellu jsir lil John Zammit. Talbet għalhekk li jiġi dikjarat li l-irċevuta datata 15 ta' Dicembru, 2016 ma tirriflettix il-verita' stante li din saret wara l-11 ta' April, 2017 u konsegwentement tiddikjara li l-persuna li rċeviet il-ħlas indikat fl-imsemmija riċevuta datata 15 ta' Dicembru, 2016 qatt ma kienet awtorizzata tagħmel hekk."

2. L-Ewwel Qorti kkunsidrat li: -

"L-irċevuta mertu tal-kawza odjerna li tagħha qed jintalab dikjarazzjoni li ma tirriflettix il-verita' stante li allegatament saret wara l-11 ta' April, 2017 ġiet prezentata fl-atti a fol. 7 tal-proċess. L-irċevuta ġiet rilaxxata minn ċertu Eucharist sive Chris Bajada a favur Mehemmed Izzidin Bek Derna u David Borg a nom u in rappreżentanza ta' Maltese Arab Chamber of Commerce u tirrappreżenta ħlas ta' kera ta' żewġ appartamenti bin-numri wieħed (1) u tnejn (2) fi Blokk A f'Auberge San Anton, ġewwa Vjal De Paule, Ħal Balzan fl-ammont ta' €25,157.22 u hija datata 15 ta' Diċembru, 2016. Il-Qorti tqis li huwa opportun li din l-irċevuta tiġi kwotata *ad verbatim* kif isegwi:

*'Chris Bajada*
*On Behalf of:*
*San Anton Ltd.* *15th December 2016*

*I the undersigned Eucharist sive Chris Bajada received the sum in cash from Mr. Mehemmed Izzidin Bekderna and Mr. David Borg Cardona on behalf of the Maltese Arab Chamber of Commerce the sum of Euros €25,157.22. (twenty five thousand one hundred and fifty seven Euros and twenty two cents) as rent from apartment 1 and 2 Auberge A San Anton, Vjal De Paule Balzan for the period from 1st . January 2017 to 31st . December 2019.*

(Firma mhux leġibbli)
Chris Bajada
Obo San Anton Ltd.
I.D. nr (mhux leġibbli)

(Firma) (Firma)

Mehemmed Izzidin Bekderna
ID 0419403L

David Borg Cardona
ID 0450642

Illi r-rikorrenti Auberge (San Anton) Limited issostni li din l-irċevuta saret b'qerq billi d-data m'hijiex dik reali. Tallega li fir-realta' l-flus thallsu wara l-11 ta' April, 2017 li hija d-data meta l-intimata ġiet infurmata permezz ta' ittra li kwalunkwe ħlas ta' kera kellu jsir lil John Zammit.

Illi l-intimata Maltese Arab Chamber of Commerce fost affarijiet ohra laqgħet għal dan billi sostniet illi huwa ovvju mill-istess dokumentazzjoni pprezentata mis-soċjeta' rikorrenti li d-data li sar il-ħlas tal-kera lis-Sur Eucharist sive Chris Bajada fl-ammont ta' €25,157.22 liema ħlas sar mis-soċjeta' intimata lis-soċjeta' rikorrenti Auberge (San Anton) Limited u allura fl-1 ta' Dicembru, 2016 dan il-ħlas sar lill-persuna li mhux biss kellha rrappreżentanza legali u ġuridika tal-istess izda wkoll kienet hi lunika direttur u dan kif jidher mill-Memorandum and Articles of Association. Teccepixxi li Eucharist sive Chris Bajada baqa' sole director sa meta nbidel il-Memorandum and Articles of Assoċiation fil-31 ta' Mejju, 2017. Tgħid li kif jidher mill-Memorandum and Articles of Assoċiation irregistrati fl-10 ta' Frar, 1998 u li baqa' validu sal-31 ta' Mejju, 2017 l-uniku direttur u l-unika persuna li kellha rappreżentanza legali u ġuridika tagħha kien Eucharist sive Chris Bajada Junior bil-*company secretary* ikun Joe Deguara li rrizenja minn dik il-kariga u minfloku sar Eucharist Bajada Senior fit-3 ta' Settembru, 2015.

L-intimata tkompli ssostni li l-prova li qed iggib is-soċjeta' rikorrenti u li fuqha qed tibbaza t-talbiet tagħha hija assolutament insostenibbli billi mhux biss il-ħlas sar mal-erba' xhur qabel iżda wkoll għaliex il-ħlas sar lis-*sole director* li kien ukoll l-istess persuna li kellha *sole legal and judicial representation* tal-istess soċjeta'.

Illi l-Qorti tinnota li f'dan il-każ kollox idur dwar meta effettivament sar il-ħlas tal-kera taż-żewġ appartamenti bin-numri wieħed (1) u tnejn (2) fi Blokk A f'Auberge San Anton, ġewwa Vjal De Paule, Hal Balzan. Il-Qorti mill-atti għandha quddiemha żewġ verżjonijiet kompletament kunfliġġenti. Is-soċjeta' intimata tgħid li l-ħlas sar nhar il-15 ta' Dicembru, 2016 u cioe' d-data tal-irċevuta filwaqt li s-soċjeta' rikorrenti tinsisti li mhux minnu li l-ħlas sar dakinhar tal-irċevuta pero' l-ħlas sar wara l-11 ta' April, 2017.

Illi bħala prova sabiex isostni t-tezi tagħha, s-soċjeta' rikorrenti Auberge (San Anton) Limited resqet bħala xhud lill-Eucharist sive Chris Bajada fis-seduta tal-5 ta' Gunju, 2019 (fol. 104). Ix-xhud Eucharist sive Chris Bajada fix-xhieda tiegħu kkonferma l-ħlas tal-kera mis-soċjeta' intimata Maltese Arab Chamber of Commerce għalkemm jgħid li kien għad baqa' bilanċ x'jithallas. Ix-xhud jikkonferma wkoll il-firma tiegħu u l-finger print fuq l-istess riċevuta u jgħid li l-irċevuta hija wahda awtentika. Madanakollu dwar id-data x-xhud jgħid li dik fuq l-irċevuta ma kinitx id-data meta realment sar il-ħlas billi Mehemmed Izzidin Bek Derna kellu problemi mac-Chamber minhabba xi accounts u għalhekk kellha titniżżel

dik id-data. Ix-xhud, għalkemm isemmi x-xahar ta' Gunju u jsemmi s-sena ta' qabel ma kienx kapaċi jindika d-data tal-ħlas bi preċiżjoni. Ix-xhud jgħid ukoll li l-ħlas sar parti b'ċekkijiet fuq isem ibnu Francesco Bajada u parti bi flus kontanti. Jixhed illi:

'**Qorti** : Ara d-dokument li uriek l-avukat jindika 15 ta' Diċembru 2016. Skont inti allura d-data vera x'kienet? Bejn wieħed u ieħor.

**Xhud** : Xi ħaġa tax-xhur qabel għax

**Qorti** : Xhur qabel it-2016 jew meta?

**Xhud** : Qabel. Le qabel it-2016.

**Qorti** : Qabel it-2016?

**Xhud** : Eħe għax kien, f'Diċembru ma kienx żgur. Kien xi ħaġa f'Ġunju għax kien is-Sajf kont ġejt minn Sqallija u kien tani xi żewġ ċekkijiet.

**Dr Vincent Galea** : Pero' li qed tistaqsik il-Qorti jekk hux Ġunju tat-2018 jew tas-'17, tas-'16 *sorry*, jew tas-'17 allura għax jekk inti qed tgħidli f'Ġunju irridu nkunu preċożi għax…

**Xhud** : Jekk ma nistax niftakar, ma nistax.

**Qorti** : Jiġifieri inti skont inti d-data kienet wara jew qabel din id-data? Hekk qed nipprova nistaqsik jiena.

**Xhud** : Ħa ngħidlek iċ-ċekkijiet huma, għax ma nistax niftakarhom hekk. *Offhand*.

…

**Dr Carl Grech** : Mela imma l-mistoqsija tiegħi mhux qed tirrispondihieli. Il-mistoqsija tiegħi hi ladarba kien hemm din lirċevuta b'dik id-data fuqha, u inti ma kontx qed taqbel ma' dik id-data, inti din l-irċevuta li għadek kif ikkonfermajt li hija t-tajba u li hija l-originali, għaliex iffirmajtha?

**Xhud** : Għax qalli li d-data jrid jagħmilha għall-bżonnijiet tiegħu, inkella ma kienx ser jħallasni.

**Dr Carl Grech** : Jiġifieri int iffirmajtha għax qallek hu?

**Xhud** : Le mhux dak li qed ngħidlek ħija jien. Jien għidtlek iffirmajt l-ewwel ħaġa l-flus irċevejt kważi kollox u kelli bilanċ ta' xi 4,000 imma dik ħalliha issa għadda z-żmien u ma ġabux. Imma minħabba li naf is-sitwazzjoni tiegħu kif kienet u kont ili nafu 30 sena, u naf illi kien hemm ċertu kwistjonijiet maċ-Chamber. L-importanti l-pagament'.

Fil-konfront bejn ix-xhud Eucharist sive Chris Bajada u l-intimat noe Mehemmed Izzidin Bek Derna fis-seduta tal-5 ta' Gunju, 2019 (fol. 115) ma kienx hemm qbil dwar kif sar il-ħlas jekk hux kontanti jew permezz ta' ċekk. Mehemmed Izzidin Bek Derna jinsisti li l-ħlas sar kontanti filwaqt li x-xhud Chris Bajada jinsisti li l-ħlas sar permezz ta' ċekkijiet.

Il-Qorti rat li fl-atti gew ic-ċekkijiet kollha maħruġa mis-soċjeta' intimata Maltese Arab Chamber of Commerce bid-dati mill-1 ta' Jannar, 2016 sa Dicembru, 2017 a fol. 125 et seq tal-process. Dawn ic-ċekkijiet gew esebiti mir-rappreżentant tal-bank Bank of Valletta plc minn fejn jirriżulta li l-ebda ċekkijiet ma nhargu fuq isem Francesco Bajada pero' nhargu hames (5) ċekkijiet fuq isem Chris Bajada fl-ammont komplessiv ta' €24,157.22 ilkoll datati 7 ta' Marzu, 2017. Mehemmed Izzidin Bek Derna meta gie prodott mirrikorrenti fis-seduta tal-4 ta' Novembru, 2019 (fol. 214) jittenta jargumenta li dawn il-ħlasijiet bic-ċekkijiet ma kellhom xejn x'jaqsmu mal-ħlas tal-kera, pero' kien hemm ftehim bejn Eucharist sive Chris u hu.

Illi l-Qorti rat id-diversi drabi li xehed Mehemmed Izzidin Bek Derna fis-seduti tal-14 ta' Mejju, 2018 (fol. 43), tas-26 ta' Gunju, 2018 (fol. 64), tas-16 ta' Ottubru, 2018 (fol. 69), tas-27 ta' Novembru, 2018 (fol. 77), tal-5 ta' Gunju, 2019 (fol. 115), tal-4 ta' Novembru, 2019 (fol. 214), l-affidavit tiegħu preżentat nhar it-22 ta' Frar, 2022 (fol. 240) u l-kontro-eżami mogħti fis-seduta tat-23 ta' Frar, 2020 (fol. 254). Minn dawn il-Qorti setgħet tinnota l-inkonsistenza tax-xhud u d-diversi verżjonijiet mogħtija fix-xhieda tiegħu. Fost il-ħafna nkonsistenti Mehemmed Izzidin Bek Derna jittenta jindika li s-soċjeta' intimata għandha kollox in regola inkwantu *audit*. Sussegwentament mix-xhieda ta' Charles Farrugia (fol. 207) u Joseph Farrugia (fol. 209) rappreżentanti tad-ditta DFK prodotti mis-soċjeta' rikorrenti rriżulta li l-*audits* kienu ilhom ma jsiru mis-sena 2009.

Illi l-Qorti assolutament ma taqbilx ma' dak iddikjarat mill-intimat noe fix-xhieda tiegħu tal-4 ta' Novembru, 2019 fejn sostna li dawn il-flus fl-ammont ta' €24,157.22 m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-kera tal-fondi mertu tal-kawża odjerna. L-ewwel raġuni hija għaliex l-ammont huwa wieħed vicin ħafna ta' dak li realment kien dovut u cioe' l-ammont ta' €25,157.22. Il-Qorti tqis li huwa inverosimili kif bejn il-partijiet sar ftehim fuq ammont li huwa vicin ħafna tal-ammont dovut ta' kera. Fit-tieni lok, ix-xhud Eucharist sive Chris Bajada nnifsu kkonferma li kien għad hemm bilanċ x'jithallas mill-intimat noe, b'dan li l-Qorti tifhem li dan l-elf Ewro (€1000) jista jifforma parti mill-bilanċ li kien għadu dovut. Illi dwar il-kwistjoni jekk il-ħlas sarx kollu permezz ta' ċekkijiet jew kontanti, il-Qorti tirrileva li effettivament irriżulta li l-ħlas sar mhux biss permezz ta' ċekkijiet izda wkoll permezz ta' kontanti u dan għaliex Mehemmed Izzidin Bek Derna għamel pagament ta' ħlas ukoll f'isem u għan-nom tas-soċjeta' Maha International Co. Ltd. fl-ammont ta' €15,094 (ara riċevuta a fol. 85 tal-process). Flatti minn imkien ma jirriżulta li dan l-ammont sar mill-kont bankarju tas-soċjeta' Maltese Arab Chamber of Commerce,

> għalhekk huwa verosimili dak dikjarat mix-xhud Eucharist sive Chris Bajada li l-ħlas sar kemm b'kontanti u kif ukoll b'ċekkijiet.
>
> Illi dwar il-kwistjoni tad-data, l-Qorti temmen li d-data vera tal-irċevuta tal-ħlas tal-kera (a fol. 7) kienet wara d-19 ta' April, 2017. Il-prova tirriżulta minn eżami taċ-ċekkijiet li kopja tagħhom ġew esebiti fl-atti a fol. 125 et seq tal-process fejn irrizulta li żewġ (2) ċekkijiet bin-numri 4155 datati 13 ta' April, 2017 (fol. 176) u 4158 datat 19 ta' April, 2017 (fol. 178) iġibu numru ta' serje qabel iċ-ċekkijiet maħruġa fuq isem Chris Bajada (ċekkijiet minn 4164 sa 4168) izda mbagħad għandhom data wara ċ-ċekkijiet maħruġa lil Chris Bajada. Fi kliem sempliċi dan jindika li ċ-ċekkijiet maħruġa lil Chris Bajada saru żgur wara d-19 ta' April, 2017 u ma jeżisti l-ebda dubju li dawn ic-ċekkijiet inkitbu *backdated*. Għalhekk effettivament id-data fuq l-irċevuta tal-15 ta' Dicembru, 2016 (fol. 7) hija waħda errata u li ma tirriflettix il-verita'.
>
> Illi dwar mbagħad l-argument f'idejn min kienet irrappreżentanza legali u ġuridika tas-soċjeta' rikorrenti, meħud kont ta' dak li għadu kif ingħad, jekk kellu jittiehed id-data tad-19 ta' April, 2017 (indikata fil-paragrafu preċedenti) bħala d-data li fiha sar il-ħlas, jirriżulta li fit-18 ta' April, 2017 ġiet reġistrata filMalta Business Registry *extraordinary resolution* tas-soċjeta' rikorrenti Auberge (San Anton) Limited li permezz tagħha lMemorandum and Articles of Assoċiation gew sostitwiti b'dan li r-rappreżentanza legali u ġuridika ġiet f'idejn u konguntivament Eucharist Bajada (Senior) (K.I. nru: 592043(M)) u Maria Bajada (K.I. nru: 684848(M)). Fit-18 ta' April, 2017 ġiet reġistrata wkoll Form K fejn Maria Bajada (K.I. nru: 684848(M)) ġiet appuntata direttur u ngħatat il-legal and judicial representation b'effett immedjat (ara form K a fol. 30 tal-process). Jsegwi għalhekk li fiddata tad-19 ta' April, 2017 ir-rappreżentanza ġuridika u legali ma kinitx għadha fdata f'idejn Eucharist sive Chris Bajada. Għalhekk fid-dawl ta' dak kollu suespost il-Qorti ser tgħaddi sabiex tiċħad leccezzjonijiet kollha tas-soċjeta' intimata u tilqa' it-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti Auberge (San Anton) Limited."

3. B'sentenza tas-27 t'April 2023 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet it-talbiet tal-attriċi. Il-konvenut ħassu aggravat b'din is-sentenza u appella minnha. Id-doljanza tiegħu tikkonsisti fi kritika għall-apprezzament tal-fatti mogħtija mill-Ewwel Qorti. Skont l-appellant:

> "Illi l-Ewwel Qorti kienet tal-fehma zbaljata meta kkonkludiet li d-data vera tal-irċevuta tal-ħlas tal-kera kienet wara id-19 ta' April 2017 minħabba l-fatt li x-xhud Johanna Bartolo, rappreżentanta tal-BOV Bank Malta plc xehdet fis-seduta tal-25 ta' Gunju 2019 li hargu numru ta

ċekkijiet datati 7 ta' Marzu 2017 bejn il-partijiet liema ċekkijiet gew imsarfin f'April u Mejju 2017.

Illi mix-xhieda tal-appellant tohrog cara ripetutament u b'konsistenza assoluta li l-ħlas għas-somma ta' hamsa u għoxrin elf ewro (€25,000) li tkopri l-kera għal perjodi bejn Jannar 2017 u Dicembru 2019 kien sar bi flus kontanti lil Dr Chris Bajada, fuq talba ta' Dr Chris Bajada stess.

- omissis -

Illi c-ċekkijiet kienu jkopru kwistjoni ohra – u cioe, li l-appellant ha loan mic-Chamber lura fis-sena 2010, meta l-Libya kienet għaddejja minn żmien iebes li kienet tammonta għal €50,000 allura biex jagħmel tajjeb għal dan, ħallas il-kirja mill-flus personali tiegħu. jispjega dan kollu fis-seduta tal-4 ta' Novembru 2019.

- omissis -

Illi mingħajr pregudizzju għal dak suindikat li l-appellant Bek Derna hallas lill-Chris Bajada bi flus kontanti, u għalhekk ic-ċekkijiet jirrelataw materja kompletament differenti mill-kirja tal-fond odjern – kieku bħala ipotezi kellu jigi ikkunsidrat ir-ragunament tal-Ewwel Qorti, mhuwiex minnu li hemm certezza assoluta li c-ċekkijiet maħruġa lil Chris Bajada saru wara id-19 t'April 2017 sempliċiment għax hemm żewġ ċekkijiet qabilhom maħruġin warajhom. Ma teżisti ebda regola li c-ċekkijiet iridu jintuzaw bilfors wara xulxin, u/jew li jridu jissarfu fi żmien stipulat.

Illi apparti l-kwistjoni tal-ħlas, u meta sar, hemm il-kwistjoni li l-persuna li rċiviet il-ħlas ma kinitx awtorizzata tagħmel dan. L-appellant jirreferi għal paġna 13 tas-sentenza fejn issir referenza għal Extraordinary Resolution datata 3 ta' April 2017 li permezz tagħha John Zammit gie awtorizzat jigbor il-kera ta' xi appartament inkluż fil-Blokka A, F'Auberge San Anton. Illi kif xehdet Dr Claudette Fenech rappreżentanta tal-Malta Business Registry, din r-resoluzzjoni għandha sal-gurnata tal-lum mhux registrata.

Illi għalhekk l-ittra legali mibgħuta mingħand Galea Advocates, datata 11 ta' April 2017 a nom tas-soċjeta' appellanta lil Maltese-Arab Chamber of Commerce fejn l-Maltese Arab Chamber of Commerce intalbet tipprovdi kopja tal-kuntratt ta' kera u l-aħħar irċevuta tal-ħlas tal-kera, u ġiet notifikata biex b'effett immedjat tgħaddi kull ħlas ta' kera għand is-Sur John Zammit hija nulla – stante l-fatt li qed tirrelata decizjoni li ttiehdet f'laqgħa li ma saritx validament."

4. Il-Prim'Istanza, korrettement issuktat billi tagħmel kronoloġija korretta tal-fatti qabel ma ssindikat il-verżjonijiet tal-kontendenti. Imbagħad għaddiet sabiex, fl-ewwel lok ikkunsidrat ix-xhieda ta'

Eucharist *sive* Chris Bajada *Junior*, prodott mis-soċjetà appellata, fejn Bajada kkonferma li kien irċieva l-ħlas tal-kera mill-appellanti f'isem il-Maltese Arab Chamber of Commerce għalkemm jgħid li kien għad fadal bilanċ x'jitħallas.

5. Bajada kkonferma wkoll illi l-firma tiegħu u l-*fingerprint* fuq l-istess riċevuta (referenza għal irċevuta tal-15 ta' Diċembru 2016) hija waħda awtentika, però saħaq li d-data ta' fuq l-irċevuta ma kinitx id-data ta' meta tassew sar il-ħlas tal-kera (fol.104). Sostna illi l-ħlasijiet tal-kera mill-appellanti ma sarux kontanti iżda saru b'sensiela ta' ċekkijiet.

6. Bil-maqlub, Bek Derna, f'isem l-appellanti saħaq illi l-ħlas tal-kera sar kontanti u mhux permezz ta' ċekkijiet kif saħaq Bajada Jr. Rinfaċċjat biċ-ċekkijiet imsemmija maħruġa minn The Maltese Arab Chamber of Commerce esebiti mir-rappreżentant tal-Bank of Valletta plc fl-ammont komplessiv ta' €24,157.22, Derma qal li dawn il-ħlasijiet biċ-ċekkijiet ma kellhom xejn x'jaqsmu mal-ħlas tal-kera imma kienu jirrigwardaw ftehim bejnu u Bajada *Junior.*

7. Il-Prim Istanza, wara li għarblet il-provi dokumentarji prodotti mill-kontendenti u b'mod partikolari x-xhieda ta' Bajada u Derna, sabet il-verżjoni ta' dan tal-aħħar inverosomili.

8. Din il-konklużjoni, il-Prim'Istanza ma waslitx għaliha mill-arja imma wara li għarblet sew dak li xehed Derna stess. F'paġna 21 tas-sentenza tagħha, innutat l-inkonsistenza ta' Derma fid-diversi drabi li xehed. Kif ukoll l-inverosimiljanza tax-xhieda tiegħu li ċ-ċekkijiet, f'ammont viċin ħafna tal-ammont dovut bħala kera, kien ħlas li sar in segwitu ta' ftehim ieħor bejn il-partijiet. Turija ċara li wieżnet sew il-provi prodotti mill-appellanti.

9. Dwar id-data vera tal-irċevuta tal-ħlas tal-kera u l-awtorizzazzjoni ta' Bajada *Junior* sabiex jiġbor l-istess kera, l-Ewwel Qorti kkonkludiet li d-data vera kienet wara d-19 ta' April 2017 u mhux il-15 ta' Diċembru 2016 kif ippruvat tpinġi l-istorja l-appellanti. Konklużjoni li waslet għaliha mill-prova oġġettiva tad-dokumentazzjoni esibita, ċjoè żewġ ċekkijiet bin-numri 4155 datati 13 ta' April 2017 u 19 ta' April, 2017 li jgibu numru ta' serje qabel ic-ċekkijiet maħruġa fuq isem Bajada izda mbagħad għandhom data wara c-ċekkijiet maħruġa lil Chris Bajada. L-Ewwel Qorti kkonkludiet li dan ifisser li c-ċekkijiet maħruġa lil Chris Bajada saru "żgur" wara d-19 ta' April, 2017 u ma jeżisti l-ebda dubju li dawn iċ-ċekkijiet inkitbu *backdated*. Din il-Qorti ssib li l-kelma "żgur" hija qawwija żżejjed; b'danakollu ssib li l-konklużjoni tal-Ewwel Qorti xorta waħda hija valida għaliex wieħed jista' xorta waħda jasal għall-istess konklużjoni fuq bażi ta' probabbilità.

10. M'hemm xejn illoġiku jew inverosimili fil-konklużjoni tal-Ewwel Qorti li l-appellanti ħmiet irċevuta u ċekkijiet *backdated* biex tagħmilha tidher li l-kera kienet tħallset ferm qabel l-ittra tal-11 t'April 2017; bl-iskop li tgħatti xturha li għamlet pagamenti lil terzi mhux awtorizzati li jiġbru kirja f'isem is-soċjetà appellata. Għalhekk m'hemm l-ebda raġuni l-għala din il-Qorti għandha tiddisturba l-eżerċizzju t'apprezzament tal-provi li għamlet l-Ewwel Qorti.

***Decide***

11. Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiċħad l-appell ta' Mehemmed Izzidin Bek Derna għan-nom u in rappreżentanza tal-Maltese-Arab Chamber of Commerce u tikkonferma s-sentenza appellata.

Spejjeż taż-żewġ istanzi a kariku tal-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss